MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Numru. 1225/2014

**Il-Pulizija**

**[Spettur Joseph Mercieca]**

**vs**

**Mark Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Mark Dimech detentur tal-karta tal-identita` numru 71282(M).

Akkuzat talli:

1. Fil-25 ta’ Ottubru, 2004, f’xi hin bejn it-8pm u l-11.45pm, mill-fond ‘Our Lady’, Triq il-Kuncizzjoni, Hamrun, ikkommetta serq ta’ gojjellerija, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), bil-lok u bil-hin u li sar ghad-dannu ta’ Guido Seychell u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita` w/jew entitajiet ohra;
2. Nhar it-23 ta’ Jannar, 2007, minn Triq Hal-Luqa, Qormi, ikkommetta serq ta’ vettura tal-marka Ford Escort, numru tar-registrazzjoni JAZ562 liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bix-xorta tal-haga misruqa, liema serq sar ghad-dannu ta’ Roberto Grech u/jew ta’ xi persuna/i w/jew ta’ xi entita` w/jew entitajiet ohra;
3. Ukoll talli rrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li huwa ga gie misjub hati permezz ta’ diversi sentenzi definittivi moghtija mill-Qrati ta’ Malta.

Rat id-dokumenti pprezentati inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikoli indikati; u cioe' l-Artikoli 49, 50, 261, 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 269(g), 270, 271(g), 278(1)(2)(3); 279(a), 280(2) u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni mill-imputat, u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu, ssib lill-imputat, Mark Dimech hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tpoggih taht Probation Order taht l-Artikolu 7A tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn (2).

Il-Qorti tordna wkoll illi a tenur tal- Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah l-ispejjez tal-inkjesta fl-ammont seba' mija tnejn u erbghin Ewro u ghaxar centezmu (€742.10) li ghandhom jithallsu fi zmien sena (1) millum. Fin-nuqqas ta' hlas relattiv fiz-zmien stipulat hawn fuq, dan ghandu jigi kkonvertit f'habs effettiv skont il-ligi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta u tordna li kopja tal-Probation Order annessa mal-odjerna sentenza tigi

komunikata lid-Direttur tal-Probation u Parole. Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta’ din is-sentenza tigi komunikata lir-Registratur tal-Qorti Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------